CittaNotabile

**AGENDA**

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajma
3. Komunikazzjoni mis- Sindku
4. Korrispondenza
5. Business Plan 2016-2018
6. Management Letter- Risposta
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash
8. Affarijiet ohra meqjusa urgenti
9. Aggornament

Minuti tal-laqgha numru 40 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 12 ta' Ġunju 2016 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Presenti |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Mark Mallia | MM | Prezenti |

**40.1** **Approvazzjoni tal-Minuti**

40.1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa numru 39 gew approvati

**40.2** **Punti Mqajma**

40.2.1 Is- Sindku PSM infurma lill- Kunsill li Transport Malta lestew is-sinjali tat-traffiku fid-daħla ta' L-Imdina.

40.2.2 Is- Sindku PSM infurma lill-Kunsill li talab lil Ministru l-Onor. Carmelo Abela biex iħalli l-għassa miftuħa 24 siegħa.

**40.3** **Komunikazzjoni tas- Sindku**

40.3.1 Is- Sindku PSM irrfera għat-talba mill-Kunsill lill-KNPD biex isir meeting fuq il-post biex tiġi diskussa it-talba tagħhom biex jitwaħħal platform lift għal nies b'disabilita. Huwa qal li l-Kunsill ġie nfurmat mill-KNPD li kienet diġa saret laqgħa fejn prezenti kien hemm l-ex SE u tħejjiet pjanta min naħa tagħhom ta' kif għandna ngħarfu nimxu. Is- Sindku pubblikament xtaq jippreċiza li din il-laqgħa saret mingħajr ma ġie avzat il-Kunsill u s- Sindku u qatt ma kellu idea ta' dan. Huwa talab lis- SE biex jkompli jinsisti mal-KNPD għal laqgħa oħra.

40.3.2 Is- Sindku PSM ppropona lill-Kunsill li għar-raġuni li bħala Kunsill ma għandux fondi bizzejjed biex iħallas il-permess tal-MEPA għal car park fi Triq L-Għarreqin, bħala Kunsill għandna niktbu direttament lill- Prim Ministru biex jintervjeni f'dan ir-rigward fuq il-possibilita' li din issir min naħa tal-Gvern Ċentrali. Is- Sindku jemmen li din l-inizzjattiva tista' tgħati spinta lit-talba tagħna.

40.3.3 Is- Sindku PSM tkellem fuq il-laqgħa li kellu l-Kunsill ma' L-Onor. Ian Borg fejn kienet laqgħa siewja ħafna għar-raġuni li ta' pariri ta' kif wieħed jista' japplika għal fondi mill-EU fosthom li għandu jara kif tista' ssir laqgħa mad- Direttur tal-MEPA fuq it-taraġ perikoluz li hemm inti u nizel għal foss, kif ukoll fuq il-

mina fejn hemm in-niċċa tal-madonna u l-ħajt tagħha li ma taqax taħt ir-responsabbilta tal-Kunsill fejn bħala kunsill għandna niktbu ittra lis- Segretarjat tal-Gvern lokali biex ninfurmahom li dawn huma fi stat ħazin ħafna u li għandha tittieħed azzjoni immedjata biex dawn jiġu restawrati.

40.3.4 Is-Sindku PSM qal li l-appell mal-MEPA fuq iz-zrar li kien intefa fi Gnien Howard Gardens ser jinstema nhar is- 26 ta' Ġunju 2016. Sadanittant intefat xi ħamrija biex jitattew dawn iz-zrar. Huwa talab lis- SE biex il-handyman tal-kunsill ineħħi l-ġebel li hemm fil-ġnien.

40.3.5 Il-Kunsilliera CM talbet li hekk kif saret il-horse sheter, għandha titpoġġa bollard quddiem dan ix-shelter. Il-Kunsill approva.

40.3.6 Is- Sindku PSM talab lis-SE biex jikteb lill- Perit N. Gatt biex it-trinka li saret fi Gnien Howard b'konnessjoni max-shelter tiġi rranġata fl-istat li kienet qabel.

40.3.7 Is- Sindku PSM ta' l-aħħar dettalji fuq il-kwistjoni fl-għoti tat-tender għal Casino Notabile fejn tlabna li ssir laqgħa mal-GPD.

## 40.4 Korrispondenza

40.4.1 Ittra mill-MEPA fuq il-policy il-ġdida li jirregola l-'Outdoor Catering Areas'.

39.4.1.1 Is-Sindku f' dan it-rigward minħabba l-karatteristika ta' L-Imdina talab lis- SE biex jikteb lil MEPA għal meeting fuq dan is-suġġett biex jiġu ċċarati ċertu punti.

40.4.2 Is- SE infurma lill-Kunsill li rċieva mill- Restoration Directorate li l-post Torre Dello Standardo ser jitbattal u jingħataw lura iċ-ċwievet lil-Kunsill. Għalhekk il-meter tad-dawl irid jinqaleb fuqna mill-1 ta' Lulju 2016.

40.4.3 Is- SE poġġa fuq il-mejda draft agreement mibgħut mill- Universita ta' Malta marbut ma l-installazzjoni ta' totem information unit fil-propjeta tal-Kunsill b'rabta mal-Helland Project.Il-Kunsill ma approvax li nidħlu responsabbli għal din l-information unit u mhux ser jiffirma ebda kuntratt.

40.4.4 Talba minn NRGY Events biex l-attivita' tas-sena d-dieħla marbuta mal- Mdina International Food Festival ssir ġewwa l-Imdina. Il-Kunsill ma approvax.

## 40.5 Business Plan

40.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u spjega l-business plan. Is- SE qal li minħabba il-qagħda finanzjarja li jinsab fiħ, il-Kunsill ma jistax jidħol f'proġetti kapitali qabel ma l-qagħda tiġi għal aħjar. Huwa jantiċipa li dan id-deficit jinqata' kollu sa' l-aħħar tal-2018. Business Plan għas-snin 2016/2018 li ġie approvat unanimament.

## 40.6 Management Letter u Risposta tal-Kunsill

40.6.1. Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta lill-Kunsill kopja tal-Management Letter ta' l-Udituri. (Meħmuz) kif ukoll draft ghar-risposta tal-Management Letter.

40.6.1 Wara diskussjoni qasira s-Sindku PSM ippropona li din tigi mwiegba skond ir-risposta proposta. (meħmuz). Il-Kunsill qabel unanimament.

## 40.7 Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash

39.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-12 ta' Gunju 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 14,315.36.

39.7.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Joseph Debono li kien issekondat mill-Kunsilliera Mary Ann Sultana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 40.8 Aġġornament

39.1.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 14 ta' Lulju 2016 fit-3pm.

____________
Peter Sant Manduca
Sindku

_______________
Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data__________________